**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 8 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru 30/2017**

**Gary Mifsud**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Gary Mifsud**ipprezentat fl-24 ta' April 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

"*Illi l-esponenti kien applika sabiex jottjeni il-liċenzja ta' Gwardjan Lokali;*

*Illi, permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu, 2017, maħruġa mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, it-talba tal-esponent ġiet miċħuda (Dok GM);*

*Illi l-esponenti ħass ruħu ferm aggravat minn din id-deċiżjoni u b'hekk qed jippreżenta s-segwenti rikors.*

*Illi jidher li l-applikazzjoni ta' l-esponenti ġiet rifjutata, u l-liċenzja ma kinitx inħarġet, ai termini tal-Artikolu 10(a)(i), kif ukoll ta' l-Artikolu 10(b), tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu s-segwenti:-*

> *"(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika*

*jew ta' xi delitt gravi ieħor; "*

*u*

*"(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

*Illi jidher għalhekk li l-applikazzjoni ġiet rifjutata minħabba li, fost affarijiet oħra, ir-rikorrenti kien involut f'xi sitwazzjoni fejn, bħala konsegwenza, il-kondotta tiegħu ma baqgħetx netta;*

*Illi r-rikorrenti fil-fatt ma jafx jekk qattx kellu każijiet fejn instab ħati ta' delitt tax-xorta kif imsemmi aktar 'il fuq;*

*Illi, anke jekk kien hemm xi każ ta' dan it-tip, ir-rikorrenti ilu għal żmien konsiderevoli b'kondotta tajba, u għalhekk l-applikazzjoni m'għandhiex tkun rifjutata;*

*Illi, apparti minn hekk, hija ferm inġusta li, minħabba xi inċident, l-esponenti ma jistax jottjeni l-liċenzja ta' Gwardjan Lokali;*

*Illi l-intimat għandu jindika x'inhu l-interess pubbliku li minħabba fih huwa jikkunsidra li għandu jirrifjuta l-applikazzjoni ta' l-esponenti, u l-isetess esponenti jżomm id-dritt li jwieġeb ulterjorment f'dan ir-rigward;*

*Illi huwa għamel il-kors rikjest, u spiċċah b'risultati tajbin;*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal, wara li jirrevedi d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija, jikkonsidra favorevolment dan ir-rikors u konsegwentement iħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn qiegħed jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti għal-liċenzja ta' Gwardjan Lokali, kif ukoll jordna lill-intimat joħroġ il-liċenzja ta' Gwardjan Lokali lir-rikorrenti."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 11 ta' Mejju 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan lokali lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 10 (a) (i) u Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespont, l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab (a) ħati ta' pussess ta' droga kif ukoll ta' ksur ta' ordni ta' probation,*

*(b) ħati ta' frodi, kif ukoll (ċ) ħati ta' attentat ta' serq ta' cables minn ġewwa l-power station l-antika li tinsab fil-Qasam Indusrijali ta' Kordin, u li għalihom ir-rikorrent ingħata pieni separati ta' priġunerija. Il-Kummissarju esponent jikkunsidra dawn ir-reati b'mod kompressiv bħala gravi taħt l-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors.*

3. *Illi l-Artikolu 10 (a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minħabba n-natura tar-reati, l-esponent ħass illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ lir-rikorrent il-liċenzja ta' gwardjan lokali. Jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni permezz tal-Artiklu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jekk iħoss illi persuna li kellha dawk it-tipi ta` reati fil-fedina penali tagħha ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan lokali jista' jirrifjuta li jagħti l-liċenzja u dan jagħmlu fl-interess pubbliku. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu.*

5. *Illi finalment b'referenza għall-aħħar talba mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Lokali, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' lir-rikorrent, lil Lisa Bonaci in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa u lill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi;

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Lokali jiddispjacini ninfurmak illi l-applkazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutta ai termini tal-Artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

**Ir-rikorrent** spjega illi ghalkemm fil-passat kellu xi problemi illum il-gurnata huwa *clean*. Spjega li prezentement kien qieghed jahdem bhala *trainee* ma' Agenzija ta' Gwardjani Lokali. Spjega wkoll illi huwa jiehu xi medicina minhabba l-kundizzjoni tal-ADHD, pero` l-*methadone* ma ghadux jiehdu minn din is-sena.

**Lisa Bonaci**, rapprezentant tal-Agenzija Sedqa, spjegat illi hija kienet qed tesebixxi rapport ta' Dr. Anna Vella fir-rigward tar-rikorrent li jghid li r-rikorrent kien ilu jattendi ghas-servizzi tal-Agenzija mill-2003 pero` fil-bidu ma kienx ghadu lest li jieqaf mid-droga. Pero` minn Awwissu 2014 ir-rikorrent qieghed jaghti kampjuni tal-pipi regolari u kien *clean* minn kull tip ta' droga. Fl-istess dikjarazzjoni hemm spjegat li r-rikorrent ghandu l-kundizzjoni ta' ADHD u jinsab taht il-kura tal-Psikjatra Dr. Anthony Dimech.

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi**, in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat, spjegat illi r-rikorrent kellu fil-konfront tieghu diversi sentenzi kriminali u esebiet il-fedina penali tar-rikorrenti u xi sentenzi li ghamlet referenza ghalihom fix-xhieda taghha.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi kemm tal-artikolu 10 (a) (i) u kemm tal-Artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Lokali u Privati).[1] Artikolu 10 (a) (i) u (b) jghidu is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***<u>għandu</u>***[2] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika* ***jew ta' xi delitt gravi ieħor;***
........

[1] Illum maghruf bhala Att Dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita' permezz tal-Att XIV tal-2018
[2] Enfasi tat-Tribunal

***(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza.*** *"*

Illi mis-sentenzi esebiti mir-rapprezentant tal-Kummissarju intimat jirrizulta illi gew pronunzjati s-segwenti sentenzi fil-konfront tieghu u cioe`:

1. Sentenza tal-21 ta' Marzu 2006 dwar ir-reati ta' pussess ta' droga u frodi li sehhew fl-2005. Ir-rikorrent ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tpoggi taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin. Din l-Ordni ta' Probation ma gietx osservata u ghalhekk fit-18 ta' Frar 2008 l-Ordni giet revokata u r-rikorrent gie kkundannat tnax (12)-il xahar prigunerija.[3]
2. Sentenza tas-17 ta' April 2007 dwar ir-reat ta' pussess ta' droga fl-2005 li permezz taghha gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sittax (16)-il xahar.
3. Sentenza tat-23 ta' Novembru 2007 dwar reat ta' pussess ta' droga fl-2006 fejn gie liberat bil-kundizzjoni li mma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin.
4. Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013 dwar attentat ta' serq u hsara volontarja fl-2010 fejn gie kkundannat seba' (7) xhur prigunerija.

Illi ghalhekk, minn harsa lejn id-delitti mwettqa mir-rikorrenti jirrizulta illi l-problema principali li kellu r-rikorrenti kienet dipendenza fuq id-droga. Jirrizulta li fil-bidu li nghata l-ghajnuna mill-Qrati permezz ta' Ordni ta' Probation huwa ma rnexxilux jeghleb il-vizzju tad-droga u ghalhekk spicca nghata sentenza ta' prigunerija effettiva. Jidher li l-folja inqalbet ghall-ahjar ghall-habta tal-2014 fejn beda juri attitudni pozittiva sabiex jeghleb il-problema u skond ir-rapport ta' Dr. Anna Maria Vella ghamel progress kbir u qieghed *clean* mid-droga ghalkemm jiehu xi medicina minhabba l-kondizzjoni tal-ADHD.

Issa kif gie enfasizzat iktar 'il fuq, artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 ma jhalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija meta jigi biex jiddeciedi jekk applikazzjoni ghal licenzja gdida ta' gwardjan privat jew tigdid tal-istess licenzja tintlaqghax jew le. Skond l-artikolu citat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu d-dmir** li jirrifjuta tali applikazzjoni.[4]

---

[3] Id-data ta' meta giet pronunzjata din is-sentenza tidher li hi 21 ta' Marzu 2006. Dan huwa evidentement zball ghaliex fil-21 ta' Marzu 2006 inharget l-Ordni ta' Probation filwaqt li l-istess Ordni giet revokata fit-18 ta' Frar 2008 kif jirrizulta mill-fedina penali

[4] L-uniku diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju intimat hu meta si tratta ta' "reat gravi iehor" li ma jaqghax fost dawk elenkati fl-istess artikolu 10 (a) (i).

Illi fil-kaz in ezami parti ma jirrizultax car mix-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi jekk ir-raguni li abbazi taghha l-applikazzjoni odjerna giet rifjutata kinitx biss abbazi ta' "delitt gravi iehor" jew inkella wkoll minhabba li kien hemm ir-reat ta' serq aggravat. [5] It-Tribunal josserva illi meta l-ligi titkellem fuq "**delitt gravi iehor**" ma torbot mieghu l-ebda terminu ta' piena u ghalhekk huwa mholli fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiddeciedi jevalwa jekk ir-reat jistghax jigi meqjus bhala "gravi". Illi pero` dan it-Tribunal jinnota li l-legislatur inkludih fl-istess subinciz ma' reati bhal omicidju, delitti kontra s-sigurtà tal-istat, ma' offizi gravi fuq il-persuna jew **delitti kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)** jew bil-vjolenza jew xi delitt kontra l-fiduċja pubblika.

Illi minn ezami li dan it-Tribunal ghamel tas-sentenzi li nghataw fil-konfront tar-rikorrent jirrizulta illi fit-30 ta' Mejju 2013 ir-rikorrent instab hati ta' delitt kontra l-proprjeta` in kwantu gie akkuzat b'serq aggravat bil-valur u bil-mezz. Illi ghalhekk certament il-Kummissarju intimat kellu jichad din l-applikazzjoni abbazi wkoll ta' din ir-raguni. Pero` ghal xi raguni l-Kummissarju intimat naqas milli jaderixxi ruhu mal-obbligu mpost minn artikolu 11 (1) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`: *"Jekk il-Kummissarju jirrifjuta li joħroġ liċenza lill-applikant biex jaħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat, dan għandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-deċiżjoni lill-applikant fejn* ***jagħtih ir-raġuni għal dak ir-rifjut****."*[6]

Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissarju intimat tippekka in kwantu ma nghatatx raguni ghala l-istess Kummissarju kien qieghed jichad l-applikazzjoni tal-applikant ai termini tal-artikolu 10 (1) (a), liema difett jirrendi l-istess decizjoni nulla. Illi l-motivazzjoni wara decizjoni amministrattiva hija essenzjali, anke jekk il-ligi tkun siekta, sabiex ic-cittadin jitpogga f'posizzjoni li jifhem ir-raguni tar-rifjut u jekk ihossu aggravat bl-istess decizjoni ikun jista' jintavola appell abbazi tal-istess motivazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali motivazzjoni meta wiehed jircievi rifjut bhal dan ikun f'posizzjoni ferm zvantaggata biex jibda jifhem abbazi ta' liema sentenza/sentenzi ikun inghata r-rifjut, u dan specjalment jekk kif irrizulta l-Kummissarju uza d-diskrezzjoni tieghu biex ikkwalifika certi reati mwettqa mir-rikorrenti bhala "delitti gravi ohra". Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jannulla dik il-parti tad-decizjoni fejn hareg ir-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (1) (a) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[5] Ara xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi a fol. 35 tal-process "*Fuq dawn is-sentenzi u l-fedina penali tieghu l-Pulizija kkunsidrat li din l-applikazzjoni ghandha tigi rifjutata that l-Artikolu 10 (a) (i) serious crimes fuq drogi u frodi fejn kien wehel one year imprisonment u attentat ta' serq bil-valur fejn kien wehel seven months imprisonment.*"

[6] Liema artikolu huwa rez applikabbli ghall-gwardjani lokali/ufficjali tal-komunita` a tenur tal-artikolu 17 tal-istess Att

Illi ghalkemm it-Tribunal ghadu kif appena esprima l-fehma tieghu dwar il-validita` tar-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (1) (a), ihoss li hu doveruz jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet. It-Tribunal ma jaqbilx illi r-reati ta' pussess ta' droga ghal uzu personali, ladarba jkun ghadda certu zmien u l-persuna tkun uriet ir-rieda li tohrog mill-problema, u jigi ppruvat li qieghda *clean,* ghandhom jigu kkunsidrati bhala "delitti gravi" ai fini biex wiehed jahdem bhala gwardjan privat. Din hija wkoll il-politika kurrenti ta' Gvernijiet diversi li ghaddew ghadd ta' ligijiet biex jiddepenalizzaw il-pussess semplici tad-droga u wkoll sabiex il-vittmi tad-drogi jigu rijabilitati. Ir-rijabilitazzjoni ma tikkonsistix biss li persuna tissottometti ruhha ghal programm b'success, imma wkoll illi hija tinghata dik il-fiducja mis-socjeta` in generali biex terga' tieqaf fuq saqajha permezz ta' xoghol regolari u certament il-Gvern, permezz tad-diversi entitajiet tieghu, ghandu jmexxi bl-ezempju biex anke s-settur privat isegwi.

Illi pero`, min-naha l-ohra, f'dan il-kaz, it-Tribunal ma jistghax jinjora is-sejbien ta' htija ta' serq aggravat. Anke jekk jista' jkun li dan is-serq sar biex ir-rikorrent jalimenta d-dipendenza li kellu dak iz-zmien, il-fatt jibqa' illi dan ir-reat huwa wiehed minn dawk imsemmi f'Artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u li dwaru l-Kummissarju intimat m'ghandu l-ebda tip ta' diskrezzjoni, kif lanqas ghandu dan it-Tribunal. Pero` in vista tan-nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni t-Tribunal xorta huwa tal-fehma li d-decizjoni appellata hija nulla.

Pero` d-decizjoni tal-Kummissarju intimat kienet imsejsa wkoll fuq artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 u cioe` li ma hux fl-interess pubbliku li r-rikorrent jinghata l-licenzja mitluba. Illi kif gia inghad iktar 'il fuq, il-fatt li persuna kienet dipendenti fuq id-droga ma jfissirx illi hija giet ikkundannata ghal hajjitha jekk turi rieda li ttejjeb hajjitha u ssegwi programmi appoziti biex tehles mid-dipendenza. Madankollu f'dan il-kaz, it-Tribunal ma setghax ma jinnotax paragrafu li hemm fis-sentenza tal-appell datata 30 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti kkwotat id-difiza tar-rikorrent u cioe` *"In subsidium, argumenta illi fil-kaz li l-appellant kellu jigi misjub hati, dana allega illi kien qed ibati minn kondizzjoni maghrufa bhala ADHD jew OCD (Obsessive compulsive disorder). Allura [sentenza] l-habs ma kinitx wahda idonea. Dan il-ghaliex din il-kondizzjoni iggieghel persuna jagixxi minghajr ma jqis il-konsegwenzi u difficli illi jsib u jzomm impjieg."* It-Tribunal jinnota ir-rikorrent ma gab prova li tista' sserrah mohh dan it-Tribunal, bhal perezempju l-produzzjoni tal-Psikjatra tieghu Dr. Anthony Dimech, li minn meta saret din id-dikjarazzjoni kien hemm xi tibdil sostanzjali f'din il-kundizzjoni.

Ghalhekk, it-Tribunal, abbazi tal-istess ammissjoni dwar il-potenzjalita` tal-agir tar-rikorrent f'sitwazzjonijiet li jista' jigi ffaccajt bihom fil-qadi ta' dmirijietu ma thossx illi jkun fl-interess pubbliku li r-rikorrent jinghata l-licenzja *de quo.* U ghalhekk, mhux tant minhabba s-sentenzi li nghataw fil-

konfront tieghu illi r-rikorrent m'ghandux jinghata licenzja fl-interess pubbliku, imma minhabba sfortunatament il-kundizzjoni li huwa afflitt biha.

It-Tribunal josserva illi a differenza tar-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (a) (i), rifjut abbazi tal-artikolu 10 (b), u cioe` li ma jkunx fl-interess pubbliku li persuna tinghata licenzja, ma hemmx obbligu fuq il-Kummissarju intimat li jaghti raguni ghaliex jirrifjuta l-applikazzjoni. Illi ghalkemm id-disposizzjonijet tal-ligi jezonaraw lill-Kummissarju intimat milli jforni raguni ghar-rifjut, il-principji tal-gustizzja naturali jiddettaw illi decizjoni amministrattiva ghandha tkun motivata sabiex persuna aggravata tkun f'posizzjoni tikkontesta tali decizjoni.

Ghaldaqstant, ghalkemm id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija monka ghal dak li jirrigwarda r-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu hija nieqsa minn kull raguni, l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu bl-ittra datata 23 ta' Marzu 2017, ma jisthoqqx li jigi totalment milqugh in kwantu l-Kummissarju tal-Pulizija kien gustifikat f'li jichad it-talba tieghu in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta – ossia fuq konsiderazzjoni ta' interess pubbliku, anke jekk mhux tant abbazi tas-sentenzi kriminali izda abbazi tal-kundizzjoni medika tieghu. Fic-cirkostanzi però t-Tribunal iqis li l-ispejjez relattivi ghal dan il-kaz ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrent in parte in kwantu qieghed ihassar u jirrevoka dik il-parti tad-decizjoni li permezz taghha l-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni tar-rikorrent abbazi tal-artikolu 10 (1) (a) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta pero` qieghed izomm ferm dik il-parti tad-decizjoni fejn il-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' kif gie deciz dan l-appell, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**